KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCALCOUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

9 Leġislatura

**Minuti Laqgħa tal-Lokalita'**

**Laqgħa tal-Lokalita' tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

**Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali**

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-Laqgħa tal-Lokalita' tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 11 ta' April 2024, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu *online* skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Marico Sammut
Segretarju Ezekuttiv

4 ta' April, 2024

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier

Online:

- Carlos Zarb — Viċi Sindku

Skużati:

- Daryl Connor — Kunsillier

Assenti:

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**1.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsill irċieva notifika ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Daryl Connor.

**1.2 Introduzzjoni**

Saret introduzzjoni mis-Sindku fejn elenka li din kienet l-għaxar (10) u l-aħħar Laqgħa Annwali ta' din il-Leġislatura.

**1.3 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Annwali tal-Lokalita'**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li saret fit-12 ta' Diċembru, 2023.
Il-Minuti ġew approvati nem.con hekk kif tressqu.

Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda.

**1.4 Rapport Amministrativ mis-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku Alfred Grima talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra il-punti ewlenin tar-Rapport Amministrattiv li bħas-snin li għaddew kien ser jiġi mpoġġi fuq is-sit eletroniku tal-Kunsill Lokali.
Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport Amministrattiv u ppreżentaħ lil dawk preżenti. Ġie wkoll ippreżentat u spjegat ir-rapport finanzjarju 2023 (mhux awditjat), anness bħala Dok A. Is-Segretarju Eżekuttiv għalaq biex qal li fil-kontijiet bankarji kien hemm madwar €2.7 miljun li €2.0 miljun minnhom twarbu għall-proġett taċ-Centru Ċiviku.

**1.5 Pjan ta' Ħidma / Rapport mis-Sindku, Viċi Sindku u xi Kunsilliera dwar il-Pjan ta' ħidma**

Is-Sindku spjega li minħabba l-fatt li issa din il-Leġislatura waslet lejn it-tmiem tagħha huwa kien ser jaqra r-rapport konċiż ta' ħidma bejn 1 ta' Lulju 2019 u l-aħħar ta' Marzu 2024.

Naturalment il-pjan ta' ħidma għall-ħames snin li ġejjien ser ikun qed jiġi mfassal fil-Leġislatura li jmiss.

Is-Sindku għamel referenza li f'din il-Leġislatura sar sforz biex jinġabru ammonti dovuti lill-Kunsill li kienu għadhom pendenti saħansitra mill-2011. Dan għin biex kull sena l-Kunsill Lokali kellu fondi addizzjonali mal-fondi tal-allokazzjoni tal-Gvern Lokali. Għamel referenza wkoll għall-figuri ta' kif kienet għalqet il-Leġislatura preċedenti fl-2019, li meta tieħu nkunsiderazzjoni l-ammonti ta' ħlasijiet pendenti effetivament kienet għalqet b'deficit. Spjega wkoll li żdieded in-nefqa fuq riżorsi umani għaliex matul il-Leġislatura preżenti żdiedu l-impjegati tal-Kunsill għar-raġuni li twaqqfet għall-ewwel darba sezzjoni tal-manutenzjoni. Is-Sindku qal li f'kull sena ta' din il-Leġislatura il-Kunsill għalaq b'*surplus* finanzjarju.

Is-Sindku għamel referenza għall-avvanzi li saru matul din il-Leġislatura u spjega dan li ġej:

- Finanzi – Filwaqt li l-Leġizlatura ta' qabel matul l-aħħar sena sħiħa kienet għalqet b'deficit ta' iktar min €103,000, sa l-aħħar tal-2023 il-Kunsill kien irreġistra *surplus* ta' €224,198. Huwa spjega li filwaqt li Quarterly Report 2 tal-2019 kien juri surplus ta' madwar €55,000, ma kien jagħmel l-ebda referenza għal ħlas pendenti ta' €466,380 lill-Infrastruttura Malta minkejja li nota tiegħu kienet waslet fl-14 ta' Mejju 2019. Dan rejalment kien ifisser li din il-Leġizlatura bdiet b'deficit ta' €411,000. Għamel aċċenn ukoll għal ammont ta' €626,571 li ġew irkuprati waqt din il-Leġislatura li kienu destinati li jintilfu. Semma wkoll il-fatt li ntlaħaq ftehim mal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn ġew riżervati €4.5M għall-bini taċ-Ċentru Ċiviku u li l-Kunsill warrab €2.0M għal dan il-proġett. Spjega, li kien intlaħaq ftehim biex kull sena isir ħlas ta' €16,000 mid-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva biex jagħmel tajjeb għat-trasport tal-anzjani li jattendu iċ-Ċentru ta' matul il-jum. Semma wkoll li kien hemm ħlasijiet ta' madwar €23,000 fuq danni li kienu seħħew qabel din il-Leġizlatura kif ukoll tariffa li kienet introdotta mill-Bank li swiet ħlas ta' €21,000. Semma kif kienu tħallsu wkoll circa €91,000 fuq vetturi, €80,260 djun fuq toroq li saru fl-2011 u madwar €15,000 spejjeż tal-avukat fuq il-każ Ta Fra Ben li seħħ fl-2011.

- Impjegati klerikali – min erba' fl-2019 dawn telgħu għal tmienja.

- Impjegati fuq manutenzjoni – Fl-2019 ma kien hemm l-ebda mpjegat u issa kien hemm disa'

- Uffiċċju amministrattiv – sar tibdil tal-għamara mingħajr spejjes għall-Kunsill kif ukoll sar uffiċċju ġdid għall-użu tas-Sindku.

- Saret *Mobile app* li toffri diversi servizzi *onlajn*

- Inħollqu 361 parkeġġ ġdid billi tneħħew estensjonijiet ta' bankini li ma kienux għadhom qed jintużaw kif ukoll ma ntilfux parkeġġi għal estensjonijiet ta' bankini ġodda u l-anqas biex jitwaqqfu *tower cranes*.

- Proġetti - Fil-Leġizlatura ta'qabel tlesta proġett tal-bandli ħdejn l-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar li kien inbeda' seba' snin qabel. Matul din il-Leġizlatura sar ir-rinovar ta' tlett latrini pubbliċi kif ukoll saru tlett zebra crossings ġodda. Sar ir-rinovar tal-Ġnien Millenju li fih *Open Gym,* sar ir-rinovar tal-gallarija ta' ħdejn it-Torri Wignacourt bil-kollaborazzjoni tal-MTA, kif ukoll wasal biex jitlesta il-*Kids Park* fi Ġnien it-Tfulija, Burmarrad u ġie inawgurat bust bħala mafkar għal Dr. Victor Calvagna. Wasal ukoll fl-aħħar fazi tiegħu x-xogħol fuq il-playground u open space fi Ġnien Joseph P. Caruana fil-Qawra li kien mwiegħed lura fl-2008. Beda x-xogħol fuq zewġ bustijiet iddedikati lil Patri Elija u l-kantant Toni Camilleri – l-Bayzo. Beda x-xogħol fuq il-monument tas-sajjieda u wara waqfa issa qed jitkompla x-xogħol fuq il-Belvedere ta' Triq San Pubbliju bil-kollaborazzjoni mal-MTA. Bdew diskussjonijiet fuq zona ta' rikrejazzjoni ħdejn Ta Fra Ben, kif ukoll inbeda x-xogħol fuq il-Ġnien tal-Erba' Mwiezeb wara li tlesta x-xogħol fuq it-toroq tal-madwar.

- Fost it-toroq li nbnew mill-ġdid bil-kollaborazzjoni ta' Infrastruttura Malta (IM) kien hemm – Triq Horatio Nelson, Triq L-Istamnar, Triq Ġuzeppi Despott, parti min Triq it-Tamar, Triq il-Ħamra, Triq il-Kaħli, Triq l-Imrejkba u Triq il-Konz. Ġie iffirmat ftehim ma IM li ser jara jsiru l-għola ammont ta' toroq.

- Ċentru Ċiviku – Sar iffirmar ta' ftehim biex art għaddiet għand il-Kunsill għall-bini ta' Ċentru Ċiviku f'San Pawl il-Baħar kif ukoll ftehim mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex €4.5 M jiġu riservati għall-bini ta' dan iċ-Ċentru li ser jinkludi sulari ta' parkeġġ taħt l-art. Kif diġa ġie aċċennat sal-aħħar ta' din il-Leġizlatura l-Kunsill ser ikun warab €2.0M għal dan il-proġett li ser jizgura li biex isir dan il-proġett il-Kunsill ma jkollux għalfejn jidħol f'dejn.

- Xogħol fuq il-Moll tal-Fekruna li kien ilu pendenti mill-2018.

- Tabelli u sinjali tat-toroq kif ukoll tindif tal-*water catchments* madwar il-lokalita' kollha u manutenzjoni fit-toroq bil-*cold* u *hot asphalt.*

- Ambjent - Ġbir ta' skart goff – naqset l-ispiża filwaqt li prattikament l-iskart qed jinġabar mil-lum għal għada.

- Drittijiet tal-annimali – ġew allokati €21,000 għal neutering, ikel u shelters għal qtates.

Sindku - Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku - Vice Mayor: Carlos Zarb
Kunsilliera – Councillors: Anne Marie Fenech, Daryl Connor, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina, Mary Borg
Segretarju Eżekuttiv – Executive Secretary : Marico Sammut

- Kontenituri tal-iskart – intefqu madwar €32,000 għal żjieda u tibdil ta' kontenituri tal-iskart.
- Vetturi ġodda – Ntefqu €91,552 għax-xiri ta' tlett vetturi ġodda.
- Twaqqaf grupp volontarju GREEN WAVES fejn saru diversi clean-ups.
- Sigar u arbuxelli – Saret nefqa ta' madwar €60,000
- Saret għotja ta' tlett *e-pedelec bikes* lil Pulizija b'nefqa ta' €6,700 u ġie nstallat bike repair kit.
- Pontoon ta' Buġibba – Il-Kunsill idefenda b'suċċess il-każ ta' żvilupp tal-installazzjoni tal-pontoon f'Buġibba.
- Supermarket f'Burmarrad – ġiet irtirata applikazzjoni ta' bini ta' supermarket f'Burmarrad wara pressjoni li saret mill-Kunsill.
- Ntefqu €68,000 f'xiri ta' lampi LED għal tibdil f'lampi madwar il-lokalita' li jfisser ukoll inqas konsum ta' dawl.
- Edukazzjoni – Il-Kunsill joffri hlasijiet għall-korsijiet tal-*LifeLong Learning* u tagħlim u xiri ta' strumenti tal-mużika kif ukoll isiru lezzjonijiet tal-*Yoga* u l-*Volleyball.* B'mod regolari wkoll inxtraw il-kotba għall-librerija pubblika f'San Pawl il-Baħar.
- Underground Mill – Xemxija - Intefqu €5000 fuq rinovar tal-kanċell u tiswijiet fid-dwal.
- B'ħidma mal-Pulizija ingħalqet l-ex Paloma Hotel
- Sar ftehim ma Sirens A.S.A biex anzjani bil-karta tal-identita' fuq San Pawl il-Baħar jingħataw rati preferenzjali
- Sar ġemellaġġ mal-lokalita' ta' Oroslavje fil-Kroazja.
- Tlesta rapport estensiv ta' maniġjar tat-traffiku bl-għajnuna tar-Reġjun Tramuntana.
- NGOs – Il-Kumitat Festa San Pawl, Soċjeta Muzikali San Pawl u Kummissjoni Festa Burmarrad ingħataw diversi fondi.

- Tiżjin ta' toroq għall-Milied – Għal ħames sena konsekuttiva b'appoġġ tal-MTA u Reġjun Tramuntana żdiedu t-toroq imżejna bid-dawl tal-Milied u bdiet tintrama siġra ġdida fil-Pjazza ta' Buġibba.

- Nfetaħ parkeġġ għal-200 vettura taħt l-iskola tal-Qawra.

- Attivitajiet – apparti dawk li ssemmew fir-Rapport Amministrattiv – fis-snin imgħoddija saru wkoll il-Voomquest, Serati Burmarrad, Lejla Pawlina, Fun Run b'fondi għal Puttinu Cares u l-Community Chest Fund bil-koloborazzjoni tal-kunsill.

Is-Sindku għalaq billi rringrazzja lill-kunsilliera kollha għal koperazzjoni u l-ħidma tagħhom, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema kollha, kif ukollu ppreżenta r-rapport tiegħu lil Kunsill.

Il-Viċi Sindku Carlos Zarb beda billi nforma li hu responsabbli mill-attivitajiet fiżiċi, kif ukoll li responsabbli miż-żgħażagħ u tfal u gruppi volontarjat.

Spjega li f'din il-leġizlatura bdew isiru lezzjonijiet tal-*Yoga*, sar Ftehim mal-Bognor għall-użu tal-*court* għall-*volleyball* u *basketball* (li għalissa ma kienux bdew minħabba li għad m'hemmx kowċ) u qed isiru hikes darba fix-xahar fejn il-Kunsill joffri trasport b'xejn.

Semma wkoll li għall-ewwel darba saru żewġ applikazzjonijiet li ġew aċċetati għal fondi fuq Youth Exchanges taħt Erasmus + ta' madwar €35,000 li minnhom bħalissa kien hemm għaxar zgħazagħ li kienu qed jibbenifikaw.

Semma kif fuq inizjativa tiegħu u appoġġ mill-Kunsill sar titjib fuq il-mobile app tal-Kunsill fejn illum il-ġurnata ir-residenti jistgħu jinqdew għal diversi servizzi offruti mill-Kunsill mingħajr il-ħtieġa li jmorru jew iċemplu lil kunsill.

Tkellem ukoll fuq inizjattivi li saru fejn ġew organizzati diversi attivitajiet marbuta mal-isport bil-parteċipazzjoni ta' għaqdiet u l-pubbliku kif ukoll Clean-ups mill-*Green Waves Group* b'kollaborazzjoni mal-iScouts u voluntiera oħra.

Is-Sindku rringrazzja lill-Viċi Sindku tal-ħidma tiegħu.

**1.6 Interventi mill-kunsilliera**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapporti tal-Kunsillier Alfred Bray, il-Kunsillier Mario Salerno, il-Kunsillier Christopher Vella Petroni, l-Kunsillier Anthony Delia u l-Kunsilliera Antoinette Bezzina. Dawn ir-rapporti wieħed jista' jarahom fid-dettal fir-Rapport Amministrattiv.

## 1.7 Interventi mill-Pubbliku Preżenti

Anthony Busuttil – staqsa għar-rendikont tal-attendenza għall-laqgħat tal-Kunsill mill-Kunsilliera. Inqara r-rendikont tal-attendenza tas-sena 2023 u ġie spjegat li kemm din l-informazzjoni kif ukoll tas-snin ta' qabel huma parti mir-Rapport Amministrattiv ta' kull sena.

Mary Sammut – Għamlet ilment fuq il-bankini tat-Triq J. Quintinus u Triq it-Turisti

Anthony Falzon – Għamel ilment fuq ipparkjar ħażin fi Triq Sant'Antnin kif ukoll li kien hemm min qed juża l-parti t'isfel li suppost għanda aċċess miftuħ għal min għandu garaxx biss għaliex hija pedestrian area u ssuġġerixxa li ssir CCTV.

Perit Ċensu Galea – i) Għamel referenza għall-fatt li disa' Laqgħat Annwali ilu f'dan il-Kunsill kien intqal li ser jintefqu nofs miljun euro kull sena fuq tiswijiet ta' bankini. Staqsa kemm fil-fatt ġew investiti. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li l-Kunsill kien qal li dak l-ammont kien ser jintefaq fuq infrastruttura. Għal dan il-għan għamel tentattiv tlett darbiet biex jinħarġu *tenders* imma ma kienx hemm suċċess għaliex għalkemm il-Kunsill kien prova jasal fi ftehim, kien intalab ħlas iżjed li ma kienx permess mill-liġi. Qal ukoll li jħoss li minħabba dawn iċ-ċirkustanzi, f'dan il-qasam ma kienx hemm ir-riżultati mixtieqa.

ii) Staqsa fuq il-fatt li b'kollaborazzjoni ma' Infrastruttura Malta kien ser isir xi xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Mosta u li kellu nformazzjoni li l-*Water Services Corporation* riedu jagħmlu xi xogħolijiet fl-istess triq. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li skont informazzjoni li għandu hu, jekk kien ser isir xi xogħol min naħa tagħhom dan kien ser jgħaddi mis-*service road*. Barra min hekk fuq suġġeriment li kien għamel il-Kunsillier Stephen Cremona qed isir xogħol estensiv fuq id-drenaġġ li minflok sar min Triq San Pawl, Triq il-Kaħli u oħrajn qed isir min taħt il-bypass. Sostna li b'responsabilita' kien imbotta biex ix-xogħol ta' *extensive patching* li kellu jsir fi Triq il-Mosta jsir minħabba l-istat diżastruż li kienet tinsab fiħ it-triq. Il-Perit Ċensu Galea rrimarka li b'xi mod xorta kien ser ikun hemm bżonn li min naħa t'isfel jaqsmu għal ġol-mina. Is Sindku Alfred Grima spjega li kien diġa għamel aċċenn għal-fatt li dan kien ser isir mil-isqaq tax-Xama' għal Triq San Ġorġ. Il-Perit Ċensu Galea għamel punt fejn qal li fl-opinjoni tiegħu *pumping station* waħda ma kienetx ser issolvi il-problema tad-drenaġġ ta' kwazi tlett mitt triq li hawn f'San Pawl il-Baħar li kien qed jispiċċa l-baħar kull Sajf in-naħat tal-Qawra.

iii) Staqsa jekk kienx hemm pjanti għaċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li daqs tlett gimgħat ilu kien sar l-iffirmar tad-devoluzzjoni tal-art mal-Kunsill Lokali u fil-fatt kienet ingħatat art iżjed min dak diskuss fil-bidu għaliex issa kien hemm daħla min naħa ta' wara ta' xi sitt metri wisa'. Spjega wkoll li kien sar MOU mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi għal għajnuna teknika, inkluż pjanti u *Project Management* kif meħtieġ.

iv) Staqsa jekk il-parkeġġ taħt l-iskola tal-Qawra li kien infetaħ b'xejn għal kullħadd f'dawn l-aħħar sitt xhur kienx ser jibqa' hekk fil-futur. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li hu jista' jikkommetti biss sal-aħħar ta' din il-Leġislatura li hu bla ħlas u bl-ebda mod ma seta jikkumenta x'ser jiġri wara.

v) Staqsa kemm hemm CCTVs madwar il-lokalita'. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li kien ser iwieġeb fuq dawk li kien qed jiftakar għaliex ma kellux il-lista quddiemu. Kien hemm f'dawn il-postijiet – Tnejn fi Ġnien il-Millenju, Triq J Quintinus, Triq il-Boxxla, Triq il-Port Ruman u Triq it-Trunċiera.

vi) Każ Ta Fra Ben - Staqsa kif issemmew €15,000 spejjeż tal-avukat kif ukoll kwart ta' miljun ħlas fuq il-kaz meta fil-kawza hemm danni ta' €550,000 li suppost iridu jinqasmu bejn il-ħames partijiet involuti. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li apparti l-ispejjeż tad-danni wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni wkoll l-imgħaxijiet li akkumulaw u li għadhom qed jiddekorru. Dawn sa Marzu kienu jlaħqu għal iktar min €277,000. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tgħid li "l-konvenuti responsabbli *in solidum*" li jfisser li huma *joint and severally liable* u għalhekkli kull parti hija responsabli għall-ammont kollhu. Is-Sindku Alfred Grima għamel ukoll referenza għall-fatt li l-Kunsill diġa kellu sekwestru ta' madwar €463,000 kif ukoll ġie ċċarat li l-avukat kien qiegħed f'tentattiv biex isiru diskussjonijiet mal-partijiet l-oħra fl-aħjar interess tal-lokalita'. Spjega wkoll li fil-bidu tal-Leġislatura kien sar tentattiv biex isir ftehim mal-partijiet l-oħra kemm għax jemmen moralment li l-vittma kellha dritt għal kumpens xieraq kif kien deċiż mill-Qorti kif ukoll għax ma kienx fl-interess tal-Lokalita' li każ ikompli jtawwal.

Il-Perit Ċensu Galea għamel mistoqsija fuq ir-rimarka li mhux kulħadd bilfors ser ikun qed iħallas u staqsa jekk xi ħadd kien ta' din l-indikazzjoni. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li l-każ qiegħed f'idejn l-avukat biex jagħmel dak li hemm bzonn u jekk ikun hemm xi deċiżjonijiet x'jittieħdu dawn jittresqu quddiem il-Kunsill. Għamel enfasi li la hu u l-anqas is-Segretarju Eżekuttiv ma żammew laqgħat, ma xi hadd mill-partijiet l-oħra imma dan qed isir min naħa tal-avukat biss mal-avukati tal-partijiet l-oħra.

vii) Heritage Trail – Għamel kumment li dan qiegħed fi stat ħażin minħabba diversi fatturi.

Marianne Muscat – Għamlet kumment fuq il-bzonn li taħt it-Torri ta' Wignacourt jerġa jsir sellum kif kien sar qabel. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li kien ser jitressaq l-ilment lil Cleansing and Maintenace Department. Tkellmet ukoll fuq il-fatt li waqt li qed isiru x-xogħolijit fi Triq il-Mosta ma kienux qed jgħaddu tal-linja mingħajr avviż. Is-Sindku wieġeb li biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent ix-xogħol qed isir bil-lejl u l-avviżi twaħħlu kif suppost. Għamel kumment ukoll fuq l-istat tal-bankini u l-ħsarat li jsiru meta jaħdmu l-kuntratturi f'xogħol fuq binjiet.

Joseph Camilleri – Tkellem fuq il-kongesjoni tat-traffiku fi Triq it-Tamar in-naħa ta' Triq il-Ħamra. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li l-Kunsill b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Tramuntana kien għamel studju fuq it-traffiku mal-lokalita' kollha u dak iz-zewġ toroq kienu pjanati li jiġu *one way*.

Charles Chetcuti Buontempo – i) Għamel referenza għal każ Fra Ben u staqsa jekk kienx hemm insurance anki għal avvenimenti li jorganizza issa l-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li mill-informazzjoni li għaddewlu jidher d'dak il-każ l-insurance ma kienux ġew notifikati u għalhekk irrifjutat li tħallas.

ii) Staqsa fuq refreshing tal-linji tat-toroq ta' Triq Salvatore Borg fejn dawn telqu għax wara kellu jsir it-tarmac. Is-Sindku Alfred Grima spjega li refreshing sar biss man-naħa opposta u mhux fejn kien ser isir it-tarmac.

iii) Staqsa għaliex beda x-xogħol fuq il-ħamrija ta' bejn Triq il-Korp tal-Pijunieri u l-10 ta' Frar u ma tkomplix. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li l-kuntrattur kellu jieqaf temporanjament minħabba ħsara li kellu fil-mutur bil-ġebel li sab u saf fejn kien infurmat kellu jitkompla fil-viċin.

iv) Għamel osservazzjoni fejn staqsa jekk l-ammont ta' kenniesa li kien hemm bħalissa kienux ser jibqaw hemm fil-futur kif ukoll jekk hux ser ikun hemm ħasil tat-toroq. Is-Sindku Alfred Grima spjega li meta wieħed jibdel min kuntrattur għal ieħor ikun irid jingħata ċ-cans sakemm jidħol fit-ritmu tax-xogħol u qal ukoll li ħasil tat-toroq isir b'mod regolari kemm jippermetti l-budget skont l-allokazzjoni. Qal li bħalissa kien għaddej xogħol ta' ħasil b'diżinfettant ta' bins u bankini fuq il-promenade kollha.

v) Staqsa fuq il-proġett tal-pjazza u x'kien hemm ippjanat li jsir. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li dan kien proġett tal-Gvern Ċentrali u għaldaqstant ma kienx f'loku li jikkumenta fuqu.

Martin Scerri – i) Staqsa biex jiġi kjarifikat fejn isemma li l-Kunsill kien għamel tajjeb għal xi finanzi fuq ġbir tal-iskart minħabba li issa kien responsabilita' tar-Regjun u mhux tal-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grima spjeġa li minħabba li għal ewwel darba l-iskart kien sar responsabilita' tar-Reġjun il-Kunsilli kollha fir-Regjun ikontribwixxew ammont biex ir-Reġjun ikun jista' jagħmel il-ħlasijiet, li wara tnaqqsu mill-invoices li intbgħatu lil Kunsill. Din kienet xi ħaġa ta' darba biss.

ii) Staqsa wkoll jekk fl-opinjoni tal-Kunsill is-servizz kienx aħjar jew agħar min meta responsabilita' kienet f'idejn il-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grima spjega li hu min dejjem wera r-riżervi tiegħu biċ-car pero wieħed irid jgħid ukoll li ċertu problemi li kien hemm fil-bidu bdew jiġu ndirizzati. Min naħa tal-Kunsill l-ilmenti dejjem ġabhom għall-attenzjoni tar-Reġjun biex ikun jista' jieħu l-passi meħtieġa pero fl-opinjoni tiegħu l-Kunsilli m'għandom qatt jitifu mill-awtonomija tagħhom.

Rachel Antoinette Williams – Tikelmet li għallkemm tifhem l-isfidi ta' lokalita' kbira u diversa tħoss li x-Xemxija mhux qed tingħata l-attenzjoni li jixirqilha, dan qed ikun ta' dannu kemm fizikament, mentalment u anki xi kultant għas-saħħa tal-individwu. Semmiet li minhabba l-iżvilupp li hemm għaddej, minhabra l-ntiflu l-*parding* gżożes kemm min Triq Katarina Vitale u Piscopo Macedonia ma sar xejn fuq traffic management. Semmiet il-problema tal-*boundary walls* tas-sit fuq l-istop signs u knaten tal-ħaddiema fuq il-bankina. Is-Sindku Alfred Grima qal importanti li jigħati ftit sfont fuq is-sitwazzjoni fejn il-Kunsill precedenti ma kienx attenda laqgħat ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar u ma użax il-vot tiegħu fuq dan l-iżvilupp. Spjega wkoll li ġaladarba l-iżviluppàtur kellu l-permessi neċessarji, il-Kunsill huwa marbut li jikkollabora ma' l-iżvilupattur biex jippottèġġi s-saħħa u s-sigurtà' kemm tal-ħaddiema tal-kuntrattur kif ukoll il-pubbliku qġeıerali. Għal dan il-għan kienu saru laqgħat kemm ma' l-iżvilupattur kif ukoll mal-perti tiegħu li kien indika x'għandu jsir għal boundary wall minhabba l-għoli tas-sit li kien ser jitħaffer. Fliwaqt li qal li ma jaġbils mal-kumment li ma sarx traffic management, qal ukoll li kien qed jgħamel arrangament biex il-bicca art bejn Triq Katarina Vitale u Piscopo Macedonia li bħalissa tinstab magħluga tinftech tbox tkun tista' ssir one way u min jidħol min Triq Piscopo Macedonia ġo Triq Katarina Vitale jkun jista' joħrog min Triq il-Fuħħar. Spjèga wkoll li parti minn Triq Radfeti ir-Roti fil-fatt kienet privata.

Sandra Smart Costantino – Ġibdet l-attenzjoni fuq ħajt li tiègħu ġo Triq l-Ibħra. Is-Sindku Alfred Grima wieġeb li fejn ikun ser isir żvilupp ma setax isir mod ieħor.

Marie Antoinette Bosman – Ġibdet l-attenzjoni minħabba t-trabijiet li qed ikun hemm fuq is-sit tal-Ex Mistra Village. Is-Sindku risponda li il-Kunsill kien għamel diversi rapporti mal-BCA li hi l-Awtorita' responsabbli.

Is-Sindku għalaq billi reġa rringrazzja lil kull minn attenda din il-laqgħa.

**1.8 Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa giet fi tmiemha fit-20:15.

**Approvati fis-26 ta' Jannar, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Alfred Grima** | **Marico Sammut** |